MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Numru. 7/2008

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Antonello Grech)**

**Vs**

**Rodney Vella, ta' 28 sena, bin Nazzareno u Antoinette nee' Scicluna, imwieled Pieta' fit-8 ta' Awissu, 1979 u residenti Block 3, Entrance B, No. 8, Triq is-Salvatur, Kalkara, dententur tal-karta ta' l-identita' numru 370079(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Rodney Vella li gie akkuzat talli nhar il-31 ta' Jannar, 2008, fir-Rabat, Ghawdex, ghal habta tal-10.30a.m. ikkommetta serq tas-somma ta' tlett elef euro mill-fond R & J Furniture Centre ghad-dannu ta' Raymond Muscat, liema serq huwa

aggravat bil-valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu;

Ukoll talli sar recidiv b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux iktar jigu mhassra;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali tas-17 ta' Gunju, 2008;

Semghet il-provi;

Semghet li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ghandu problema tad-drogi u ghandu bzonn jibda jsegwi programm ta' riabilitazzjoni minn dan il-vizzju minnufih;

Ghaldaqstant il-Qorti wara l-rat l-Artikolu 261 (c) u 267 u 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, il-Qorti qed tqieghed lill-hati taht ordni ta' Probation u dan ghal zmien tliet (3) snin mil-lum u tordna illi l-imputat jibda jsegwi programm ghar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga minnufih;

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk ma joqghodx ghall-ordni ta’ Probation imposta fuqu llum;

IL-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tintbghat lill-Ufficjal tal-Probation skont il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------